MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 712/2003

***GasanMamo Insurance Agency Limited***

***vs***

***Paul Farrugia***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta’ April, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u tmenin lira Maltin (Lm180) rappresentanti hlas indebitu li sar mis-socjeta’ attrici, wara li l-konvenut b’qerq u in mala fede, sarraf cheque mahrug mis-socjeta’ attrici li kien jaf li ma kienx dovut lilu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-3 ta’ Jannar 2003 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ meta ssarraf ic-cheque in kwistjoni, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Ra n-nota pprezentata mis-socjeta’ attrici fid-9 ta’ Mejju 2003 li permezz taghha t-talba attrici giet ridotta ghal Lm90 u dana stante illi l-konvenut effettwa pagament ta’ Lm90 fil-mori tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Michael Zammit Maempel ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont kif ridott permezz tan-nota pprezentata fid-9 ta’ Mejju 2003, ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u ta-dokument esibit permezz tan-nota tad-9 ta’ Mejju 2003 immarkat bhala Dokument GMI 1
.
Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma kif ridotta permezz ta’ nota datata 9 ta’ Mejju 2003, ta’ disghin lira Maltin (Lm90), bl-imghaxijiet mit-13 ta’ April 2002.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-3 ta’ Jannar 2003 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------